MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Jannar, 2020

Appell Inferjuri Numru 14/2019 LM

**St. George's Park Company Limited (C 264)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Coleiro Yacht Finishes Limited (C 7539) u Kenneth Coleiro (K.I. nru 500868) *in solidum* bħala garanti**
*("l-appellanti")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati s-soċjetà **Coleiro Yacht Finishes Limited (C7539)** u **Kenneth Coleiro *in solidum* bħala garanti (K.I. nru 500868M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellanti"] minn lodo arbitrali mogħti fl-Arbitraġġ numru 3966/2014 tas-7 ta' Frar, 2019, [minn issa 'l quddiem "il-lodo

arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru"], li permezz tiegħu ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u laqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti **St. George's Park Company Limited (C 264)** [minn issa 'l quddiem is-soċjetà appellata] bil-mod kif ġej:

"1. *Jiddikjara illi ix-xogħlijiet li saru taħt il-kuntratt tad-29 t'Ottubru 2010 bejn il-partijiet, m'humiex tal-kwalità pattwita u huma difettużi u mhux skont is-sengħa u l-arti;*
2. *Illi għalhekk l-Intimata tinsab ordnata illi tagħmel it-tiswijiet kollha opportuni, fejn hemm bżonn, fil-perijodu perentorju ta' tliet xhur mid-data tan-notifika lilha ta' dan il-lodo, u li dan isir taħt is-superviżjoni tal-Perit Ivan Pace, jew Perit ieħor nominat mir-Rikorrenti u notifikat lill-Intimata, b'dan illi id-drittijiet u spejjeż tal-perit inkarigat ikunu a karigu tal-Intimata;*
3. *Illi tawtorizza lir-Rikorrenti sabiex twettaq hi stess dawn ir-riparazzjonijiet, a kariku tal-Intimata kemm il-darba l-Intimata tibqa' inadempjenti dwar l-ordni preċedenti; b'dan però illi tkun trid tavvża lit-Tribunal b'rikors, notifikat lill-Intimata, fejn tfisser dan in-nuqqas, u biex l-Intimata tkun tista' twieġeb, sabiex it-Tribunal ikun jista' jivverifika il-fondatezza tal-ilment qabel ma jibdew it-tiswijiet mir-Rikorrenti;*
4. *Illi il-garanzija skont il-klawżola 3, fuq il-partijiet li jridu jissewwew qegħda tiġi estiża għal perijodu ta' għaxar (10) snin mill-mument illi il-Perit inkarigat (supra) jiċċertifika it-tlestija tat-tiswijiet;*
5. *Illi mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data tan-notifika lilha ta' dan il-lodo, l-Intimata tipprovdi taħriġ skont it-termini tal-kuntratt lill-impjegati nominati mir-Rikorrenti;*
6. *Illi għal dawn l-obbligi u ordnijiet l-Intimat Kenneth Coleiro u solidalment obbligat* si et quatenus *bħala garanti*
7. *Bl-ispejjeż skont it-taxxa tal-Ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, liema taxxa qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata dokument ittra A, kontra l-Intimata".*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw xogħol ta' żebgħa li ġie eżegwit mis-soċjetà appellanta fuq strutturi tal-azzar fil-proprjetà magħrufa bl-isem "Aragon House", f'St. George's Park, San Ġiljan, u dan skont ftehim li sar bil-miktub fid-29 ta' Ottubru, 2010, mas-soċjetà appellata, fejn l-appellant Kenneth Coleiro deher bħala garanti. Sussegwentement kienu tfaċċaw diversi difetti fix-xogħol tas-soċjetà appellantà, u b'hekk is-soċjetà appellata interpellat lis-soċjetà appellanta diversi drabi sabiex teżegwixxi it-tiswija opportuna u sabiex iżżomm mal-pattijiet u mal-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' bejniethom. Iżda s-soċjetà appellanti baqgħet inadempjenti.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellata intavolat il-proċeduri tal-Arbitraġġ permezz ta' Avviż tal-Arbitraġġ li ġie ppreżentat fis-26 ta' Marzu, 2014, fil-konfront tal-appellanti, fejn filwaqt li fissret li n-natura tat-talba tagħha kienet tirrigwarda tilwima marbuta ma' xogħlijiet ta' żebgħa allegatament difettużi li ġew eżegwiti in segwitu għal ftehim iffirmat bejn il-partijiet fid-29 ta' Ottubru, 2010, talbet:

*"(i) That the Respondent/s be declared in breach of the Agreent dated 29th October 2010 in view of the fact that the Works carried out were defective and not up to the standards required by the Agreement and by the industry;*

*(ii) That the Respondent/s be ordered to carry out remedial works at their expense, within a time limit set by the Arbitrator, and to the satisfaction of the Project Architects;*

*(iii) That, should Respondent/s fail to carry out these remedial works within the established time limited, Claimant be authorised to carry out such remedial works itself at Respondents' expense*

*(iv) That Respondent/s extend the guarantee provided in terms of the contract to ten years from completion of the remedial works*

*(v) That Respondent/s be ordered to provide training to Claimant's nominated representiative[s]/employee[s] in maintenance procedures on the intumescent paints.*

*With costs."*

4. L-appellanti wieġbu fit-23 ta' Mejju, 2014, fejn talbu s-segwenti:

*"1. Respondents are declared not to be in breach of the Agreement dated 29th October 2010 in view of the fact that the works carried out are not defective and are in line with the standards guaranteed in the Agreement and with good practice.*

*2. Respondents are not ordered to carry out any remedial works at their expense, in view of the fact that any guarantee given against defects, is not applicable in the circumstances of this case, as outlined above and in Section 2 of the Statement of Defence ("*A Reply to the Points at issue*").*

*3. Consequently, Claimant's request (iii) of the relief and remedies sought, cannot be acceded to.*

*4. In view of the fact that the guarantee invoked by Claimant has been excluded by Claimant's own actions, as outlined in Section 2 of the Statement of Defence, no extension of any such guarantee can be ordered.*

*5. The request in (v) of the relief and remedies sought by Claimant, is enforceable and cannot be acceded to as requested.*

*6. Any claims made against Kenneth Coleiro personally, cannot be acceded to on the basis of the above.*

*With payment of legal costs and fees."*

## Il-Lodo Arbitrali

5. L-Arbitru wasal għal-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***Konsiderazzjonijiet ta-Tribunal***

*Terġa' ssir riferenza għall-parti preliminari ta' dan il-lodo fejn tfasslet eżattament x'kienet il-kwistjoni li trid tiġi deċiża. L-eżerċizzju li jaffaċċja lit-Tribunal huwa wieħed. Irid jara jekk l-Intimata irnexxiliex twassal lit-Tribunal għall-konklużjoni illi javveraw ruħhom xi fatti li jintitolawha li teżimi ruħha mill-garanzija li tinsab fil-kuntratt.*

*B'danakollu ikun xieraq illi it-Tribunal iqiegħed il-qafas fattwali li jirriżultalu mill-provi, sabiex ikun jista' jislet il-konklużjonijiet legali minnu.*

*Minn eżami tal-provi iżda* multo magis*, wara apprezzament tas-sottomissjonijiet, jirriżultaw dawn il-fatti:*

*Iż-żebgħa fuq il-ħadid/azzar tal-livelli* minus 4 *u* minus 5 *wera każi ta'* blistering.

*Dan, skont ix-xhieda tal-Intimata hu sinjal li daħlet umdità bejn is-saff/saffi tal-*intumescent *u s-saff/saffi tal-*primer.

*Issa irid jingħad illi ma jidher li kien hemm l-ebda ħsara fil-livelli iktar 'l fuq minn dawk.*

*Ir-Rikorrenti tippretendi illi dan jikkostitwixxi difett fix-xogħol u tilmenta illi x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, għaliex li kieku sar kif suppost, dawn id-difetti ma kienux jinqalgħu.*

*Issa hawn it-Tribunal irid jissofferma fuq dan il-punt. L-Intimata trid tgħid illi hemm provi skjaċċanti illi ix-xogħol sar sew u li ż-żebgħa użata kienet tal-kwalità pattwita, u li ma nġiebet l-ebda prova illi x-xogħol sar ħażin. Ġie wkoll sottomess illi din ma kienitx kwistjoni legali, kif hu tal-fehma it-Tribunal, iżda kwistjoni teknika, fejn messu tqabbad espert tekniku biex jistabbilixxi dak li ġara.*

*It-Tribunal jaraha diversament. Ir-Rikorrenti ma kelliex għalfejn iġġib xi prova teknika li xi xogħol sar ħażin. Il-fatt illi ħarġu l-infafet wara xi xhur li sar ix-xogħol huwa* res ipsa loquitur *illi hemm difett, u li r-riżultat aħħari ma kienx dak miftiehem mal-Intimata.*

*Skont il-kuntratt, ix-xogħol hu garantit b'dawn il-klawżoli:*

> The Company desires the execution of certain works for the protection against fire and corrosion of Aragon House (which building is a structural steel and composite slab construction of which the primary steel structure is already completed) at St George's Park, Saint Julians Malta, so as to provide the highest standards and levels of protection against against corrosion and fire (with a fire rating of 90 minutes) as well as the aesthetic results as are specified in this agreement hereinafter called the Works.
>
> The Contractor has:
>
> (a) examined the structural drawings and the data sheets of the protective coatings already applied to the steel structure (omissis) which had been previously supplied by the Company
>
> (b) has assured the Company that it is well positioned to offer the desired protection which will culminate in its product guarantees being supported by the issue of a Certificate of Fire Safety Integrity by its principals Jotun Paints (Europe) (omissis)
>
> (c) omissis.

Partijiet minn Klawola 3:

> The Contractor declares that it has inspected the structures that need to be coated (omissis) and confirms that the paint schedule system proposed by the Contractor (omissis) is suitable for the type and condition of the metal beams at the time of inspection and warrants that:
>
> Omissis
>
> c. In any event the Contractor guarantees that its work will produce the performance standards as desired by the Company in the pre-amble (sic) to this agreement. This guarantee against product defects shall be for a period of ten years from completion of the works.

*Ma jistax ikun hemm dubbju illi l-ħruġ ta' infafet f'parti sostanzjali ta' żewġ livelli tal-bini ma jissoddisfax ir-rekwiżit kontrattwali illi x-xogħlijiet ikunu ta' livell għoli ta' apparenza u prestazzjoni. Il-fatt illi jkun seħħ* blistering*, ma jinċidix biss fuq il-funżjoni estetika taż-żebgħa, iżda jinċidi wkoll fuq il-livell ta' protezzjoni illi dik iż-żebgħa suppost tagħti.*

*Ir-Rikorrenti m'għanda l-ebda kompitu jew obbligu iġġib prova ta' x'sar ħażin u ta x'seta' kkawża l-infafet. Għall-kuntrarju għandha d-dritt illi żżomm lill-Intimata resposabbli għad-difett, u hi l-Intimata li trid tiskolpa ruħha. U l-uniku mod kif tista' tagħmel dan huwa billi turi li l-agir tar-Rikorrenti wassal biex tikkonsma ruħha xi kondizzjoni riżoluttiva li minħabba fiha tintilef l-effikaċja tal-garanziji mogħtija.*

*Fil-fatt hekk ipprovat tagħmel l-Intimata. Is-sottomissjoni tagħha hi pjuttost sempliċi. Hi tgħid illi iż-żebgħa użata kienet ta' kwalità appożita biex tiffunzjona fl-ambjenti in kwistjoni, u li din ukoll ġiet applikata b'kawtela u skont is-sengħa. Iżda wara li ġiet applikata ż-żebgħa, seħħ event ta' għargħar jew ingress mhux normali ta' ilma ġewwa l-binja, u li dan ikkawża stat ta'* permanent humidity*, u l-ebda tip ta' żebgħa ma tirreżisti* permanent humidity*. Kwindi L-Intimata tgħid li l-ħsara mhux riżultat ta' xogħol ħażin, iżda tort tar-Rikorrenti li ma ħaditx ħsieb li tipproteġi l-ambjenti in kwistjoni mill-ingress tal-ilma. Effettivament u in suċċint, din hi d-difiża prinċipali tal-Intimata. Hemm oħrajn illi huma pjuttost sussidjarji u li ser jiġu wkoll trattati.*

*Din id-difiża iżda, tfalli kemm* in facto *kif ukoll* in iure*.*

*Tfalli* in facto *fuq konsiderazzjoni waħda, li effettivament ma ssemmiet mill-ebda parti, iżda hi determinanti. Filwaqt illi l-Intimata ipprovat iġġib prova ta' preżenza ta' għargħar fil-*level minus five *– u hawn jingħad illi dan ġie kontestat u li fi kwalunkwe każ jidher illi f'area ta' madwar 2,000 metru kwadru jidher li kien hemm madwar ċentimetru ilma mal-art f'area ta' madwar 80 metru kwadru, u dan qajla jista' jissejjaħ għargħar – <u>ma saret l-ebda allegazzjoni – wisq anqas prova - li kien hemm għargħar ukoll fil-livell</u>* <u>minus 4</u>*. Dan ifisser ħaġa waħda biss. Illi jekk kważi nofs il-kolonni tal-*minus 4 *ukoll sofrew* blistering*, u dan <u>fin-nuqqas ta' xi għargħar</u>, bilfors illi l-kawża tal-*blistering *ma kienx għargħar imma xi ħaġa oħra.*

*It-Tribunal mhux ser jispekula x'setgħet kienet il-kawża vera. Dan mhux se jsir għaliex it-Tribunal ma jixtieqx illi deċiżjoni li ser jagħti infra tkun tista' tiġi kontestata fuq il-bażi li t-Tribunal għamel konstatazzjoni teknika, li mhux kompetenti li jagħmel. Iżda hawn qegħda tiġi ripetuta ix-xhieda ta' Godwin Grech li hu t-tekniku tal-Intimata u li tgħid hekk:*

> *Jien nghid mill-esperjenza tiegħi li l-*blistering *kien riżultat ta'* osmotic blistering *li jfisser li kien hemm umdità bejn id-diversi* coats *taz-zebgħa. Fil-fehma tiegħi il-*blistering *seħħ, immanifesta ruħhu bejn il-*coat *tal-*primer *illi huwa l-ewwel* coat *li ingħata u l-*intumescent *illi jingħata immedjatament wara. Li fisser illi iż-żebgha li tingħata ma twaqqafx l-umdità mill-arja milli tidħol minn ġol-*layers

> *taż-zebgħa stess u tagħmel kuntatt mal-*primer *bejn il-*primer *u l-*intumescent coat.
>
> *Gejt mistoqsi mill-arbitru xinhu l-iskop illi tingħata l-*outer coat *u nwieġeb illi din tingħata biex ma jkunx jista' jidħol ilma minn fuqha.*
>
> *Mistoqsi ukoll kif allura daħlet l-umdità bejn l-*intumescent *u il-*primer*, nispjega illi din mhux suppost daħlet. Sinjal illi sabet x'imkien minn fejn tidħol.*
>
> *Mistoqsi mill-arbitru jekk dan jistax ifisser li allura kien hemm xi nuqqas ta' uniformità fuq l-applikazzjoni tal-*outer layer*, ngħid illi jista' jkun. Kont ġbidt l-attenzjoni illi kien hemm xi* brackets, bolted *mal-*vertical supports*, però l-istess mistoqsi mill-arbitru xorta waħda ma nistax nispjega għalfejn il-*primer*, l-*intumescent *u il-*final coat *ma setgħux jgħattu ix-xquq kollha li minnhom setgħet tgħaddi l-umdità.*
>
> *Jiena kont qajjimt il-kwistjoni dak iż-żmien, qabel ma tajna iż-żebgħa, dwarhom dawn il-*bolts *u il-*brackets*, però nifhem illi dawn ma setgħux jinħallu. Il-*bolts *u il-*brackets *kienu hemm minn qabel ma bdejna ix-xogħol, voldiri anki qabel ma ħadna il-kuntratt.*
>
> *Mistoqsi x'seta' kkawża d-dħul tal-umdità, jista' jagħti l-każ illi meta ingħalaq l-ambjent fejn kien hemm it-*tower crane*, il-*ventilation *tal-ambjent naqset. Infaqaw xi* blisters*, u kien jidher il-*primer.

*Fis-seduta sussegwenti Grech (u hawn wieħed jista' jimmaġina il-għala) ikkwalifika ix-xhieda tiegħu billi qal illi iż-żebgħa ma tiflaħx għal perijodi twal ta' umdità għolja, iżda fl-istess xhieda addizzjonali hu jgħid:*

> Imma tajna diversi passi ta' zebħha iktar minn dak li qalu l-i*specifications*. Xi drabi tajna anke tnejn u anke tliet passati.
>
> Nispjega ukoll li anke il-partijiet illi ma jkunux ġew mgħoddijin għal darbtejn tlieta, dawn ukoll ikollhom protezzjoni tajba minħabba il-ħxuna taż-żebgħa illi applikajna fuqhom.

*Hawn ix-xhud qisu qed jgħid żewġ affarijiet kontradittorji. L-ewwel illi l-umdità għolja sostnuta tegħleb il-protezzjoni imbagħad, illi huma taw biżżejjed passati sabiex ikun hemm protezzjoni adegwata. It-Tribunal, meta jirriskontra dan it-tip ta' kliem* doublespeak*, jibda jaħseb illi x-xhud ma jkunx ċert minn dak li jkun qed jiddeponi.*

*It-Tribunal ukoll isib diffikultà li jaċċetta bħala teorija il-proposta tal-Intimata li tislet differenza bejn umdità temporanja u dik permanenti. Jirriżulta mix-xhieda illi waqt li*

*qed tingħata ż-żebgħa, kien hemm diversi ġranet meta ix-xogħol kellu jieqaf minħabba umdità elevata. Dan ma ġarax darba jew tnejn imma diversi drabi. Fid-dawl ta' dan, jista' jingħad illi l-umdità ta' dak il-perijodu kienet temporanja, imma dik mhix magħrufa, u lanqas speċifikata fid-dewmien tagħha, li seħħet (allegatament) WARA l-għoti taż-żebgħa, kienet permanenti? It-Tribunal hu tal-fehma illi din it-teorija kollha ma ssibx sies konvinċenti mill-provi akkwiżiti.*

*Il-falliment fattwali ta' din id-difiża hu difett fil-loġika. L-Intimata tgħid illi ix-xhieda kollha* ex parte *(ċioé hi stess) ikkonfermaw li x-xogħol sar minuzjożament skont is-sengħa. Iżda naturalment dan huwa* "a self serving statement"*. Fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni* ex parte*, tasal għall-konklużjoni li allura bilfors kien hemm umdità għolja għal żmien twil. Din il-kwistjoni ta' fatt ma ġietx lanqas pruvata. Hawn ser jitfisser il-għala. Il-prova li ġiet offruta hi li meta DARBA mar Grech biex jinvestiga l-ilment, kien hemm ilma mal-art u sinjali ta' tixrib. Dakinhar li mar l-umdità kienet għolja immens. Ma rriżulta minn imkien kemm kien ilu hemm dak l-ilma, u ma jirriżulta minn imkien għal kemm żmien kienet daqshekk għolja l-umdità. Meta marru r-rappreżentatnti tagħha flimkien mal-esperti ta' Jotun, dawn raw li l-ħitan kienu mxarrbin. Dan hu sinjal ovvju tal-preżenza ta' umdità. Iżda malgrado din ill-konstatazzjoni, Jotun stess irrapportaw li meta marru u raw it-tixrib fil-ħajt, ir-*readings *tal-umdità li ħadu kienu ta' livell modest. Vuoldire, anki bil-ħitan imxarrbin, l-umdità ma kienitx eċċessiva.*

*B'dan għalhekk jiġri illi is-sottomissjoni tal-Intimata illi l-ambjenti in kwistjoni għaddew minn perijodu twil ta' umdità għolja, huwa spekulazzjoni u mhux fatt pruvat. Ovvjament l-Intimata tipproponi din il-perspettiva għaliex din hi l-unika waħda li tgħin in-narrattiva tagħha, iżda fil-loġika mgħallmin illi* "adducere in conveniens non est argomentum"*. B'hekk din in-narrattiva mhix effikaċi biex twassal lit-Tribunal li jabbraċċja din l-ipoteżi bħala fatt pruvat, speċjalment kif ġa ngħad supra, li din l-ipoteżi ma tispjegax kif fil-livell* minus 4 *kien hemm l-istess problema mingħajr allegazzjoni ta' tixrib jew umdità eċċessiva li ġejja minn ingress ta' ilma.*

*Tfalli* in iure*, għaliex minn eżami tal-inċiż "d" tal-klawżola 3, ma hemm xejn f'dawn l-esklużjonijiet li jissorreġġu din it-tip ta' difiża.*

*F'din il-parti li tmiss ser jiġu analiżżati il-punti l-oħra imressqin mill-Intimata.*

*Sar ħafna emfażi miż-żewġ partijiet dwar id-dokument KCZ3, b'dan illi ir-Rikorrenti interpretatu bħala ammissjoni tal-Intimata li ma ntużatx żebgħa idonea. L-Intimata (għaliex ovvjament rat kemm setgħet tagħmel ħsara lid-difiża tagħha), eskoġitat diversi argumenti sabiex tgħid illi Kenneth Coleiro ma kien qed jagħmel l-ebda*

*ammissjoni. It-Tribunal ma tantx jinsab konvint minn dawn l-argumenti, iżda jista' jserraħ moħħ il-partijiet illi din l-email ftit li xejn ma tinfluwixxi il-fehma tat-Tribunal.*

*It-Tribunal qed iserraħ il-konklużjonijet tiegħu fuq l-apprezzament tal-fatti kif ġa elenkati supra, u għalhekk mhux ser jagħti importanza lil din il-korrispondenza partikolari.*

*L-Intimata għamlet argument xi ftit jew wisq stramb meta qalet illi il-garanzijja ma tapplikax għal xogħol ħażin imma biss għal żebgħa ħażina.*

*It-Tribunal ma jikkondividix din l-ideja. Il-kuntratt ma kienx wieħed ta' bejgħ ta' żebgħa imma kien appalt ta' xogħol ta' żebgħa. U kwindi il-garanzija testendi għall-kwalità tax-xogħol li kellu jilħaq* standards *għoljin ta' protezzjoni, li żgur dawn ma laħaqomx minħabba illi l-infafet li irriżultaw jippreġudikaw dik il-protezzjoni.*

*L-Intimata ukoll tiddefendi il-pożizzjoni tagħha billi tgħid illi saru riparazzjonijiet ta' żebgħa fuq il-kolonni/travi mingħajr l-intervent tagħha u għalhekk tapplika il-kondizzjoni riżoluttiva kontemplata mill-klawżola 3(d)(ii).*

> The Company not making modifications and /or repairs on its own or through the services of third parties, which modifications and/ or repairs are to be expeditiously performed by the Contractor or an authorised Jotun Paints applicator.

*Hawn iridu jsiru dawn il-konsiderazzjonijiet.*

*Qabel xejn hemm qbil li kien hemm xi patching up li sar mir-Rikorrenti fejn kienet saret xi ħsara fis-sens ta' brix fuq il-kolonni.*

*Hawn tiġi ċitata ix-xhieda ta' Godwin Grech:*

> Kien hemm xi drabi fejn is-Sur Manduca kien jiġbdilna l-attenzjoni li waqt ix-xogħol tagħhom huma jkunu laqtu xi travu u presumibilment girfuh. Dana kien jinfurmana u aħna konna mill-ġdid napplikaw iż-żebgha fuq dik il-biċċa mill-ġdid.
>
> Dan ġara ħafna drabi. Naf li din ġrat diversi drabi u aħna dejjem konna mmorru però meta wasalna fl-aħħar imbagħad Kenneth Coleiro qalli daqshekk ma mmorrux iktar.
>
> Jiena mort neżamina l-post wara li kelli struzzjonijiet biex ma mmorrux insewwu iktar dawn il-ħsarat, jien stajt ninnota illi kien hemm ċerti postijiet fejn il-ħsarat kienu għadhom evidenti però kien hemm postijiet oħrajn illi jidher illi xi ħadd zebgħah fuqhom bil-pinzell.

Mistoqsi jekk nafx ngħid jekk fuq il-partijiet fejn il-ħsara kien għadha tidher jew fejn il-ħsara ġiet mgħottija biż-żebgħa miżbugħa bil-pinzell ħariġx *blistering*, jien ngħid li ma niftakarx.

*Tiġi wkoll ripetuta ix-xhieda ta' Victor Manduca:*

Huwa korrett illi jien ordnajt xi drabi, xi zebgħa mingħand Coleiro stess, dan għal iskop fejn ikun hemm xi girfa jew xi daqqa li tkun tat xi karozza fuq waħda mill-kolonni, inkunu nistgħu inraqqgħuha b'din iż-żebgħa.

Jien neskludi li xi zebgħa mhux ġejja mingħand Coleiro intużat fuq il-kolonni. Jiena llum ċert li l-ħsarat fil-*minus 4* u fil-*minus 5* hemm żgur però ma nfax jekk hemmx ukoll ħsara fil-livelli iktar għoljin.

Il-*patching* illi semmejt qabel, sar u jsir mill-*maintenance staff* taghna. L-ebda minn dawn l-impjegati m'għandhom xi kwalifika partikolari fl-applikazzjoni tal-*intumescent paint*. Però aħna ħadna l-istruzzjonijiet ta' x'għandna nagħmlu mingħand Godwin Grech li huwa impjegat ta' Coleiro.

*Minn dawn iż-żewġ brani jemerġu dawn il-punti:*

- *Hemm qbil li kien ikun hemm ħsarat fuq il-kolonni li ma kellomx x'jaqsmu mal-*blistering*.*
- *Għall-bidu dawn kienu jissewwew mill-Intimata.*
- *Wara ċertu żmien, kienet x'kienet ir-raġuni, l-Intimata irrifjutat li tkompli tagħmel dawn it-tiswijiet.*
- *Victor Manduca kien iġib iż-żebgħa mingħand l-Intimata u jagħmel ix-xogħol ta' traqqiegħ skont il-bżonn, wara li kien fehmu Godwin Grech, x'għandu jsir.*
- *Ma jirriżultax illi kien hemm xi tentattiv mir-Rikorrenti illi tagħmel tiswijiet hi stess fuq il-*blistering*, tant hu hekk illi dan il-fenomenu għadu viżibbli sal-lum jew inkella almenu sa meta sar aċċess minn Kenneth Coleiro flimkien mal-persuni minn Jotun.*
- *Ma jidhirx għalhekk li saru riparazzjonijet li setgħu b'xi mod aggravaw id-difett tal-*blistering *billi it-tiswija tkun saret ħażin, u b'hekk tinkorri lill-Intimata f'xogħol ta' tiswija iktar laborjuż.*

In iure *irid jingħad illi kondizzjoni fil-garanzijja tgħid illi ir-Rikorrenti m'għandix tmiss ix-xogħol hi għaliex* repairs are to <u>be expeditiously performed by the Contractor</u> or an authorised Jotun Paints applicator.

*Hemm qbil illi f'xi mument, l-Intimata irrifjutat li tagħmel dan is-servizz, u kwindi, tapplika il-kondizzjoni imsemmija, li tirrovexxja il-kondizzjoni riżoluttiva.*

*Għalhekk din id-difiża ma tistax tintlaqa'.*

*Billi ma tqabbadx espert tekniku ma hemmx prova tal-estent tal-ħsarat.*

*Dan mhux korrett. Ir-Rikorrenti permezz ta' xhieda tal-Perit Pace kif ukoll il-pjanti dettaljati li jindividwaw kull kolonna affetta mill-infafet, hi provi mill-iktar suffiċjenti tat-tip u l-kwantità ta' ħsarat.*

*It-Tribunal hu tal-fehma illi dawk il-punti fis-sottomissjonijiet tal-Intimata li m'humiex hawn msemmija speċifikament, huma assorbiti fil-konsiderazzjonijet li ġa saru, għaliex jifformaw partijiet jew aspetti tal-istess kwadru ta' difiża."*

## L-Appell

5. L-appellanti intavolaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-22 ta' Frar, 2019, fejn qegħdin jitolbu din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali. L-aggravji tagħhom huma: (a) in-nuqqas tan-ness bejn l-att kolpuż u t-telf soffert; (b) it-Tribunal iddefinixxa ħażin jew addirittura biddel il-kwistjoni bejn il-partijiet u l-kawżali tas-soċjetà appellata, sabiex b'hekk id-deċiżjoni hija *ultra petita;* (ċ) nuqqas ta' ġustizzja proċedurali fejn l-inverżjoni tal-provi kienet bi ksur tal-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (d) ir-rifjut tat-Tribunal li jaħtar espert tekniku; (e) it-Tribunal iddeċieda kwistjonijiet tekniċi meta ma kellux il-kompetenza li jagħmel dan; (f) il-kontradizzjoni bejn il-konklużjoni tat-Tribunal u r-rimedju ordnat; u (ġ) l-interpretazzjoni żbaljata tal-garanzija u tal-kuntratt.

## Ir-Risposta tal-Appell

6. Is-soċjetà appellata wieġbet permezz ta' risposta ippreżentata fil-15 ta' Marzu, 2019, fejn talbet għall-konferma tal-lodo arbitrali mogħti mit-Tribunal fis-7 ta' Frar, 2019, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi qabelxejn sabiex tikkonsidra l-ammissibilità tal-appell odjern fid-dawl ta' dak li jipprovdu għalih l-artikoli 70A u 70B tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta, meħuda inkonsiderazzjoni s-seba' aggravji mressqa mill-appellanti.

8. L-ewwel aggravju jagħti perspettiva ċara ta' dak li huwa essenzjalment il-qofol tal-appell tas-soċjetà appellanti quddiem din il-Qorti. Huma jsostnu li t-Tribunal naqas għalkollox milli jikkonsidra li għandu jkun hemm ness ġuridiku bejn il-ħsara riżultanti u l-aġir li allegatament kien il-kawża tagħha. Jissottomettu li sabiex appaltatur jinżamm responsabbli, għandu jkun hemm provi konkreti sal-livell rikjest mill-liġi li juru li l-ħsara hija riżultat dirett tax-xogħol tiegħu jew tal-prodott li għamel użu minnu, imma minflok it-Tribunal daħal f'analiżi investigattiva tal-obbligi u l-kundizzjonijiet tal-garanzija filwaqt li l-ilment ma kienx imsejjes fuq hekk. Għalhekk, it-Tribunal telaq mill-premessa li ġaladarba tfaċċaw l-infafet fil-wiċċ taż-żebgħa, ir-responsabbilità kienet tal-appellanti sakemm dawn ma jippruvawx li tali responsabbilità kienet tas-soċjetà appellata. B'hekk it-Tribunal ordna l-inverżjoni tal-provi, imma qatt ma eżamina jekk is-soċjetà appellanta fil-fatt kinitx responsabbli. It-tieni aggravju huwa pjuttost riflessjoni tal-ewwel aggravju, iżda din id-darba l-appellanti qegħdin isostnu li bħala riżultat tal-fatt li t-Tribunal fehem ħażin il-kontestazzjoni mressqa mill-partijiet, l-analiżi tiegħu kienet bla bażi legali u saħanistra żbaljata, tant hu hekk li l-lodi arbitrali kien *ultra petita.* It-tielet aggravju tal-appellanti jirrigwarda n-nuqqas ta' ġustizzja proċedurali li ġie kkawżat permezz tal-inverżjoni tal-provi li kienet saret bi ksur tal-artikolu 562

tal-Kap. 12. Jgħidu li din id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet konsegwenza tal-applikazzjoni tat-termini tal-garanzija. Ir-raba' u l-ħames aggravji tas-soċjetà appellanta jirrigwardaw iċ-ċaħda tat-Tribunal tat-talba tagħhom għall-ħatra ta' espert tekniku għaliex jgħidu li fil-fehma tiegħu s-sempliċi eżistenza ta' ħsara kienet biżżejjed waħedha sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-appaltatur, u dan filwaqt li t-Tribunal għadda sabiex jagħmel konstatazzjonijiet ta' natura teknika li ma kienx kompetenti li jagħmel. Is-sitt aggravju tal-appellanti huwa fir-rigward tal-allegata kontradizzjoni bejn il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal u r-rimedju li huwa ordna. Jispjegaw li filwaqt li t-Tribunal ma sab l-ebda ħtija għal xogħol difettuż jew għall-applikazzjoni ta' sistema ta' żebgħa f'ambjenti umdużi jew li dik iż-żebgħa kienet difettuża, huwa għadda sabiex iddikjara li l-appellanti ma rnexxielhomx jippruvaw li l-garanzija kuntrattwali ma tapplikax u ordna li jsewwu l-ħsara bl-istess żebgħa jew bl-istess metodu. L-aħħar aggravju mressaq mill-appellanti jittratta l-allegata interpretazzjoni żbaljata tal-garanzija u tal-kuntratt.

9. Qabel ma tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti, is-soċjetà appellata tissottometti li ma kienx hemm għalfejn jingħad li appell minn deċiżjoni arbitrali kien wieħed ferm limitat. Hija tagħmel riferiment għall-artikolu 70A tal-Kap. 387, filwaqt li ssostni li r-rikors tal-appell għandu jsir biss fuq punt ta' dritt, tgħid ukoll li din il-Qorti tista' biss tikkonsidrah jekk jissodisfa dan l-artikolu tal-liġi u anki id-dispożizzjonijiet tal-artikolu sussegwenti fejn il-każistika ta' din il-Qorti kienet teħtieg li l-appellant juri li t-Tribunal applika punt speċifiku ta' liġi b'mod skorrett. Tirrileva li fil-każ odjern, filwaqt li l-appellanti jiddikjaraw li huma ser iżommu fil-parametri

skont il-punti ta' liġi, huma xorta waħda jippreżentaw ukoll argumenti li huma marbutin mal-evalwazzjoni tal-provi.

10. Il-Qorti tikkonsidra dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387 fir-rigward ta' dawk l-appelli li huma ammissibbli fuq punt ta' liġi:

*"(3) Il-Qorti tal-Appell għandha tikkunsidra l-appell biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta -*

*(a) li d-deċiżjoni dwar il-punt ta' liġi taffettwa sostanzjalment id-drittijiet ta' waħda jew iktar mill-partijiet;*

*(b) li l-punt ta' liġi huwa wieħed li t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu jew mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni;*

*(ċ) li fuq il-bażi ta' dak li jirriżulta mill-fatti fid-deċiżjoni, id-deċiżjoni tat-tribunal dwar il-punt ta' liġi hija prima facie miftuħa għal dubju serju;*

*(d) li abbażi ta' reviżjoni tar-rikors, kull risposta u d-deċiżjoni, l-appell ma jidhirx li hu dilatorju u vessatorju,*

*u fil-każijiet l-oħra kollha il-Qorti għandha tiċħad l-appell"*

11. Filwaqt li tagħraf li skont dawn id-dispożizzjonijiet, hija m'għandhiex il-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi kull appell minn lodo arbitrali, din il-Qorti qabelxejn ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk l-appell interpost mis-soċjetà appellanta għandux jiġi mismugħ jew saħansitra miċħud mill-ewwel.

12. L-artikolu 70B tal-Kap. 387 jkompli jgħid li fil-każ ta' appell taħt l-artikolu ta' qablu, għandu jiġi jdentifikat il-punt ta' liġi li dwaru qiegħda tintalab deċiżjoni u anki liema hija t-tifsira korretta. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li l-ebda wieħed mill-aggravji tal-appellanti ma jissodisfa dak li qed jitlob l-artikolu 70B.

13. Fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti jissottometti taħt l-ewwel aggravju tagħhom li *"... l-arbitru naqas kompletament milli jieħu konjizzjoni*

*tar-rekwiżiti* **fundamentali** *legali tar-responsabbiltà ċivili: ċioé li jrid jiġi stabbilit ness ġuridiku bejn il-ħsara kkawżata fil-fond u l-aġir li allegatament kkaġunaha",* filwaqt li jkomplu jispjegaw li t-Tribunal ddeċieda ħażin għaliex injora dan in-ness u minflok *"...daħal f'analiżi investigattiva tal-obbligi u l-kundizzjonijiet tal-garanzija, ħaġa li lanqas biss kienet il-bażi tal-ilment promotur tas-soċjetà appellata, u dwar jekk dawn il-kundizzjonijiet wasslu biex ir-responsabbiltà tal-appellanti ... imxiet mill-appellanti għal fuq is-soċjetà appellata minħabba xi ksur tal-kundizzjonijiet tal-garanzija".* Għalhekk l-ilment tal-appellanti huwa msejjes fuq argument li t-Tribunal ma ddeċidiex skont il-premessi u t-talbiet ippreżentati lilu mis-soċjetà appellata, tant hu hekk li t-tieni aggravju tagħhom huwa proprju li t-Tribunal ddeċieda *ultra petita*. It-tielet aggravju tal-appellanti jittratta l-allegat nuqqas ta' ġustizzja proċedurali meta t-Tribunal ordna l-inverżjoni tal-provi peress li huwa kien qed jippretendi li kien jispetta lis-soċjetà appellata sabiex tiskolpa ruħha billi turi li kien proprju l-aġir tas-soċjetà appellanta li wassal sabiex il-garanzija titlef l-effikaċja tagħha, u b'hekk inkisru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 562 tal-Kap. 12. Ir-raba' aggravju tal-appellanti huwa fir-rigward tad-deċiżjoni tat-Tribunal li jiċħad it-talba tagħhom għall-ħatra ta' espert tekniku, filwaqt li l-argumenti tagħhom in sostenn tal-ħames aggravju tagħhom isegwu billi huma jsostnu li l-Arbitru għadda sabiex iddeċieda kwistjonijiet tekniċi meta ma kellu l-ebda kompetenza fir-rigward. Is-sitt aggravju tal-appellanti huwa dwar l-allegata kontradizzjoni bejn il-konklużjoni tat-Tribunal u r-rimedju ordnat minnu fid-deċiżjoni appellata, filwaqt li s-seba' u l-aħħar aggravju tagħhom huwa dwar l-interpretazzjoni allegatament żbaljata tal-garanzija u tal-kuntratt.

14. Hawnhekk il-Qorti ma tagħraf l-ebda punt ta' liġi li dwaru qed tintalab deċiżjoni minn din il-Qorti, wisq anqas ma tara li l-appellanti qegħdin iressqu wkoll it-tifsira li għandha debitament tingħata lil dak il-punt ta' liġi. Minflok, il-Qorti tara li kif redatt l-appell, l-appellanti ma żammewx mal-parametri stabbiliti mil-liġi u saħansitra l-parti l-kbira tas-sottomissjonijiet tagħhom jittrattaw apprezzament tal-mertu, kif ukoll l-interpretazzjoni tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fid-29 ta' Ottubru, 2010, u lmenti dwar l-andament tal-proċeduri tal-arbitraġġ. Din il-Qorti ma tistax tintalab tiddeċiedi kwistjonijiet bħal dawn u għalhekk tagħraf li s-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata fir-rigward tal-ammissibbilità tal-appell odjern jiswew u huma tajbin.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell bħala irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-imsemmi lodo arbitrali jibqgħu kif deċiżi mill-Arbitru, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ukoll jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**